oħra bħalha inżid ngħidilkom — għax naf li tieħdu gost tisimgħuha din — li l-klieb li intom għandkom id-dar huma bħal tiegħi u daqs tiegħi fidili. Għożżuhom lill-klieb tagħkom u ftaħru bihom għax għandkom biex. Għax bħal u daqs Foxl li għandi d-dar, nerġa' ngħid, ma jittradukomx, ma jpartukomx, ma' ħadd u qatt. Min, imbagħad, ma għandux kelb id-dar nagħtih il-parrir fejjiedi li jfittex iġib wieħed u ma jisgħobbihx. Kif jista' jkun? Daqskemm jista' jkun li jisgħobbija jien li għandi lill-kelba Foxl ssaltan fuq il-ħiejjaq li hemm goż-'żoo' domestiku ta' dari!!

---

## RELATIVITA'

*Ta'* WALLACE Ph. GULIA

Settembru . . . Riħ isfel magħqud.  
Taħt l-arkata ta' Pjazza Reġina fil-Belt  
niżlet żiffa mis-sema kaħlani sabiħ,  
friska qisha riħ fuq . . .  
u qalbi għoxiet;  
kemm kemm ma xtaqetx  
tagħmel minnha xi Tabor  
l-arkata mimlija ħamiem  
u bejjiegħa iroħħsu u jonxru l-ilwien . . .

'Mma fil-waqt, miblugħ,  
smajt bejjiegħ qed iħarħar  
minn qalbu  
"Ieqaf riħ, jaħasra, kemm iddejjaqni!"  
imħallta mal-għajta għall-bejgħ  
u malajr għatta ċ-ċraret  
biex le ma jtiru mar-riħ  
b'xi toqol, għajjien . . .  
U għabet it-Tabor m'n għajnejja  
u ħsibt bla ma ridt  
kemm kollox fid-dinja marbut  
ħaġa m'oħra,  
kemm mitt bniedem mitt fehma  
ukoll fi ħwejjeġ li jidħru "ewreka!"  
għalija, għalik!

15/9/67.



# DWAR L-ARTI

*Essay ta'* ALBERT M. CASSOLA

Il-Malti iddefinixxa l-mistoqsija bħala oħt il-għerf. Ma nafx jekk lit-tweġiba satax isibilha xi parentela ma' ħu l-mistoqsija.

Ħaġa sabiħa li meta ma tkunx taf xi ħaġa, issaqsiha; iżda t-tweġiba li jagħtuk tkun dejjem tajba? Għax jiena ma nafx kemm-il darba saqsejt x'inhi l-Arti u kemm-il tweġiba differenti tawni.

Agħar minn hekk hu li l-ebda tweġiba ma setgħet tissodisfani għax min tahieli stess, imqar jekk huwa nnifsu artist, ma ħass xejn żgur minn dak li qalli. Donnu ħadd m'għandu l-ħila jistqarr li wkoll meta din l-Arti tkun fih, ma jfissirx li għandu bil-fors ikun jaf sew x'inhija. Bħalma jiġri xi drabi, biex inġib paragun ftit li xejn sabiħ, meta wieħed ikollu wġigħ kbir u ma jkunx jaf ifisser x'inhu. Imur għand it-tabib. L-istess tabib iżibha bi tqila jistqarr li lanqas hu ma jkun qabad x'inhu dak l-uġigħ, u jagħti tweġiba li huwa stess ma jkunx jaħlef għaliha.

Issa jiena wkoll, fil-kas ta' l-Arti, fittixt l-ispeċjalisti, jiġifieri l-kotba l-kbar miktubin mill-kbar. Tweġiba ħadt, u mhux biss waħda; xi tweġiba kultant sibtha toqrob lejn is-sewwa, li hu minnu minnu, iżda ma kinitx biż-żejjed, ma kinitx preċiża.

Mela t-tweġiba eżatta liem'hi? X'inhija l-Arti tabilħaqq?

Fis-sens ġenerali tagħha laqtitni definizzjoni twila: ħidma li l-bniedem b'ħiltu kollha, skond regoli li jiġu mit-tiġrib u mill esperjenza, flimkien ma' l-studju, jagħmilha f'isem il-progress. Fi kliem ieħor, l-Arti titqies bħala r-riżultat tal-fantasija meta din tkun imrewħa mis-sentiment.

Fatt hu li mill-ibgħad żminijiet, ix-xewqat tal-bniedem ma setgħux jinqatgħu bil-ħwejjeġ materjali biss, bħalma bil-ħwejjeġ materjali biss il-bniedem ma satax jissoddisfa għajr il-ħtiġiet fisiċi. Ladarba l-bniedem ħaseb għall-bżonnijiet ewlenija tal-ġisem, minnufih ried idur fuq affarijiet oħra u beda jfittex li jsir jaf dejjem aktar, li jqabbel oġġett ma' ieħor, li jasal biex jikxef x'inhi l-verità billi jwarrab minn quddiem għajnejh kull għamad sa ma jasal biex jifhem il-misteri naturali.

Meta wasal għall-verità, għall-ġmiel, għat-tjubija, il-bniedem ħass li jrid iħobb dawk il-virtujiet u jfassal ħajtu fuqhom. Hekk ġara li l-ħtiġiet tal-bniedem kotru u huwa ħassu jogħla dejjem aktar 'il fuq.

Waqt li l-bniedem ma jkunx jista' jfisser ir-raġuni ta' kollox, isib ruħu magħfus bejn passjonijiet kuntrarji u, bejn it-tjubija u l-ħażen,